VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,242, 22 ta' April, 2014
Taqsima B

A.L. 134 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.37

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "persuna kompetenti" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mill-Awtorità u li:

(a) tkun teżerċita l-professjoni ta' inġinier taħt l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija; u

(b) ikollha taħriġ adatt, għarfien biżżejjed, esperjenza u kapaċità kif approvat mill-Awtorità biex:

(i) tagħmel spezzjonijiet ta' verifika ta' faċilitajiet awtorizzati;

(ii) tissorvelja kull tibdil materjali li jsir fil-faċilitajiet awtorizzati;

(iii) tiċċertifika bil-miktub li l-faċilitajiet awtorizzati jkunu qegħdin jinżammu u mħaddma kif stabbilit fil-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u, jew fil-

linji gwida u, jew kull Kodiċi ta' Prattika li jkun ġie approvat kif imiss mill-Awtorità;

(iv) tiċċertifika bil-miktub kull disinn, binja, ittestjar u kummissjonament ta' tagħmir u, jew postijiet maħsubin li jissemmew mill-Awtorità bħala faċilitajiet awtorizzati;

(v) tagħmel kull xogħol ieħor ta' xorta teknika li jkun kumplimentari jew anċillari ma' dak imsemmi hawn qabel;";

(b) minnufih wara t-tifsira "*pipework*", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "post għall-bejgħ bl-imnut" tfisser post minn fejn il-pubbliku jista' jixtri il-karburanti għat-tħaddim tal-vetturi;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira ġdida "post għall-bejgħ bl-imnut" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "post kummerċjali" tfisser post li ma jkunx miftuħ għall-pubbliku iżda minn fejn jitqassam il-karburanti għat-tħaddim tal-vetturi;"; u

(d) minflok it-tifsira "stazzjoni minn fejn jimtela l-*petroleum*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" " stazzjon minn fejn jimtela l-*petroleum*" tfisser faċilità awtorizzata li tkun ġiet approvata mill-Awtorità biex taħżen il-*petroleum* f'post għall-bejgħ bl-imnut jew f'post kummerċjali, u li jista' jkun soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' tistabbilixxi f'dik l-awtorizzazzjoni li tkun tapplika għall-każ;".

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "faċilità awtorizzata." għandhom jidħlu l-kliem "faċilità awtorizzata:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dak il-wiri tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ma jkunx meħtieġ fi stazzjonijiet minn fejn jimtela l-*petroleum* li jkunu klassifikati mill-Awtorità bħala postijiet kummerċjali.".